# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-24 ta' Mejju, 2023

Avviz tat-Talba numru: 226/2022 CL

**Charles Grech (KI nru: 420060M)**

**VERSUS**

**Direttur Frankit Ltd (C9810)**

**U**

**Francis Tonna (KI nru: 941644M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-29 ta' Lulju, 2022 fejn intalab sabiex il- konvenut jew min minnhom jigi kundannat sabiex jhallas lil attur s-somma komplessiva ta' hames nija u hamsin euro (€550), rapprezentanti f'donazzjonijiet lil Partit Laburista.Illi l-attur huwa ngaggat mill-Partit Laburista sabiex l-istess jigbor donazzjonijiet f'isem l-i-istess partit. Illi s-Sur Francis Tonna, frekwentement kien jaghti donazzjonijiet lil Partit Laburista tramite l-attur; illi l-attur kien hareg tlett ircevuti, mmarkati Dok A, li komplessivament jammontaw ghall-ammont ta' €550, liema rcevuti qieghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok A.Illi ghalkemm l-attur kien hareg l-imsemmija rcevuti, il-konvenut kien ghadu m'ghaddhiex dan l-ammont lill-attur fl-ammont ta' €550 u l-attur kien ghadda dan l-ammont lil Partit Laburista mill-flus tieghu personali. Illi eventwalment il-konvenut kien ghadda cekk mmarkat Dok B,lill-attur fl-ammont ta' €550, liema cekk qatt ma issarraf, liema cekk kien hareg mill-kont bankarju tas-socjeta Frankit Ltd. Illi ghalkemm l-attur kien kontinwament jaghmel kuntatt mal-konvenut sabiex ihallas dan l-ammont, l-istess konvenut baqa' inadempjenti, anke wara l-ittra ufficjali numru 396/2022, li ghaliha l-konvenuti gew nnotifikati fl-1 ta' Marzu tas-sena 2022. L-attur talab sabiex flimkien mal-ammont jithallas l-imghax u l-ispejjez kollha sad-data tal-pagament effettiv, kontra il-konvenuti li jinstabu ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-rispostaipprezentata fl-1 ta' Novembru 2022, tal-konvenuti Frankit Ltd u Francis Tonna fejn talbu sabiex t-talba tal-attur tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess u dan fl-ewwel lok stante li l-attur m'ghandu ebda interess guridiku sabiex jipproponi din it-talba u f'kaz illi huwa ghandu xi interess jrid igib il-prova tal-hlas illi hu qieghed jghid illi ghamel ghan-nom tal-kovenut/i. A rigward Frankit Ltd, is-socjeta konvenuta mhijiex il-legittima kuntradittur ghat-talbiet attrici. Il-konvenuti m'ghandhom ebda obbligu li jaghtu xi donazzjoni li wara kollox huwa att volontarju. Mill-bqija t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-affidavit ta' Charles Grech u l l-affidavit ta' Stephen Tonna a foll 19 u 22 li gew ipprezentati fl-14 ta' Novembru 2022. Charles Grech jghid illi hu l-President tal-kumitat tal-Partit Laburista tal-Pieta u meta jkun hemm il-gbir tal-fondi hu jigbor il-kotba mill-kwartieri tal-Partit Laburista, jigbor donazzjonijiet ghal-partit u jiritorna l-kotba mimlijin u l-flus skond l-ircevuti. Sur Tonna ma kienx halsu u hu kien hareg il-flus biex jaqbel mal-ircevuta li kien hareg f'isem Tonna. Tonna kien spiss jaghti donazzjonijiet lil partit u meta kien jcempillu kien jghidlu l-ammont li kien ser jaghti bhala donazzjoni u meta kien jiltaqa' mieghu, Tonna kien jaghntih il-flus u hu kien jghadilu l-ircevuta. Hu kien hareg tlett ircevuti fl-ammont ta' €100, €200 u €250 li jammontaw ghal €550 u Tonna kien tah cekk ta' €550 millk-kumpanija Frankit Ltd li taghha kien direttur. Meta ipprova jsarraf ic-cekk, dan ma ssarafx u Tonna kien qallu li ser johroglu cekk iehor u li kien ser jhalsu. Kien bghat ittra legali u ittra ufficjali lil konvenuti izda baqa' ma thallasx. Fil-kontro ezami jghid illi hu jigbor il-fondi kull meta jkun hemm il-gbir tal-partit li huwa kull 6 xhur u l-partit jaghtih pakkett ta' hames kotba li jkunu numerati u kif jiritornhom jaghtuh pakett iehor ta' hames kotba. Hu dejjem l-ircevuti tal-partit juza' u qatt m'uza' xi ircevuta ohra minghajr timbru tal-partit. L-ircevuti li ipprezenta huma minn kotba differenti. Meta cempillu wara kien qallu li kien ta' l-donazzjoni ghal-partit lil Salvu imma dan kien wara li kien hariglu l-ircevuta. Minkejja li Frank ma kienx halsu tal-ircevuta ta' qabel li kien hariglu, hu rega' hariglu ircevuta ohra wara xi sitt xhur ghax kellu fiducja fih, ghax ghalkemm kien jdum biex jhalsu, dejjem halsu. Ikkonferma li hu kien jcempel lil nies ghal flus ghal partit u lil min jafda jcemplilhom bit-telefon u jghidulu kemm jnizzel u johrog ircevuta f'isimhom u johroh il-flus hu u wara jigborhom. Fil-fatt Frank kien tah cekk u hu kien tah l-ircevuti. Il-bank ma riedx jsarraf ic-cekk ghax kien hemm zewg kitbiet differenti ta' Francis Tonna u tieghu ghax kien mela ismu peress illi kien gja hareg il-flus u ghaddihom lil-partit aktar minn sena qabel.

Stephen Tabone xehed illi hu jqassam il-kotba lil-membri biex jigbru l-fondi ghal-partit laburista. Meta l-membri jiehdu l-kotba lura hu jqabbel l-ammont miktub fl-ircevuti mal-flus u ma jigux accettati l-kotba jekk ma jkunx hemm il-flus nieqes. F'kaz illi jkun hemm izjed flus johorgu ircevuta ta' dak l-ammont zejjed. Hu jzomm lista tal-flus migbura li tghaddi ghand il-Financial Controller tal-partit. Fil-kontro ezami hu jghid illi jghaddi l-kotba tal-ircevuti lil kumitat u ma kull ktieb jgibu l-flus jew cekkijiet skond l-ircevuti. Hu ma jkunx jaf jekk attivisti jkunu ircevew flus f'isimhom personali u wara jghadduhom lilhom.

Sema' x-xhieda ta' Frank Tonna in ezami fil-11 ta' Jannar 2023 li ikkonferma li c-cekk immarkat Dok B mar-rikors huwa tieghu u gharaf il-firma tieghu. Hu ikkonferma li kien ta c-cekk iffirmat lil Carmel Grech ghal Partit Laburista .Meta Carmel Grech qallu li c-cekk ma kienx ssaraf u hadulu lura, ra li kien f'isem Carmel Grech u ma tahx il-flus indikat fic-cekk ghax kien ghamlu f'ismu. L-ircevuti kienu antiki u c-cekk kien ghal donazzjonijiet ta' xi tlett xhur qabel imma ma jafx liema sena u cahad illi c-cekk kien

ghal tlett ircevuti. Fil-kontro ezami hu jghid illi kien ilu jaf lil Charels Grech xi tlett snin u kien jiltaqa' ma' Charles Grech il-kazin tal-football tal-Pieta. Charles kien jitolbu l-flus ghal partit u kien jaghtih ammonti differenti bejn €100 u €300. Hu gharaf l-ircevuti f'pagna 5,6 u 7 tal-process u gharaf ic-cekk li kien tah hu iffirmat bl-ammont ta' €500, li kellu l-mama tieghu Dok FT1, u ma kienx tah ircevuta. Wara ftit Grech mar u qallu li c-cekk Dok FT2 ma ssarafx u hu qallu kif ghamiltu f'ismek flokk il-partit. Hu kien jaghtih zewg tipi ta' rcevuti, jew tal-Partit Laburista jew bicca karta zghira minghajr timbru li kellu kopja taghha li kien ipprezentaha permess ta' nota fit-12 ta' April 2023. Hu kien direttur fi Frankit Ltd u c-cekkijiet kien johroghom hu personali. Fil-kontro ezami ikkonferma li c-cekk Dok FT2 kien ta' Frankit Ltd u qal illi ma ssarafx ghax kien ghamlu f'isem Carmel Grech flokk il-partit. Hu ikkonferma illi ma kienx ta xi istruzzjonijiet lil bank biex ma jsarrafx dak ic-cekk. Hu cahad illi c-cekk kien tal-ammonti li taghhom kellu l-ircevuti u li ma kienx halsu taghhom. Charles kien qallu li kien hallashomlu hu izda hu cahad illi gja kien tah l-ircevuti taghhom.

Ra illi fi 12 ta' April 2023 saret it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra;**

It-Tribunal ra d-dokumenti ipprezentati fosthom tlett ircevuti u kopja tac-cekk, kif ukoll ircevuta ipprezentat b'nota datata 9 ta' Awwissu 2012. Mill-provi jirrizulta illi kien hemm xi tlett donazzjonijiet mmarkati Dok A1, A2 u A3 illi jammontaw ghal €550, fejn inhareg ircevuta f'isem Frankie Tonna, minn Carmel Grech. Jirrizulta ukoll illi kien hemm cekk mahrug minn Frankit Ltd, iffirmat minn Francis Tonna fl-ammont ta' €550 li kien inghata lil Carmel Grech ghal donazzjoni tal-partit. M'hemmx kontestazzjoni li Francis Tonna kien mela l-ammont li jaqbel mal-mamma tac-cekk, li kopja tieghu gie ipprezentat u li kien iffirma c-cekk minghajr ma mela d-dettalji, li kienu intlew minn Carmel Grech. Jirrizulta illi c-cekk ma kienx issarraf mill-bank ghax fuq l-istess cekk kien hemm zewg kitbiet differenti. Meta ma ssarafx c-cekk, Carmel Grech kien hadu lil Francis Tonna li kif ra li kien f'isem Carmel Grech u mhux il-partit irrifjuta li jaghtih il-flus. Francis Tonna cahad illi Carmel Grech kien tah l-ircevuti meta kien ghaddielu c-cekk. Carmel Grech min-naha tieghu jghid illi hu kien jcempel lil Francis Tonna li kien jghidlu kemm kien ser jaghti donazzjoni u hu kien jimla l-ircevuta f'ismu bl-ammont li kien jghidlu u johrog il-flus hu ghalih u jghaddihom lill-partit u jigborhom minghadu wara.

Mill-provi prodotti t-Tribunal jinnota illi l-ircevuti jaqblu ezattament mac-cekk u l-mamma li l-konvenut ikkonferma li kien iffirma hu stess, u li d-dizgwit inqala' wara li ma ssarafx ic-cekk fuq decizjoni tal-bank minhabba li kien hemm zewg kitbiet differenti fuq l-istess cekk. Jidher illi l-konvenut ippretenda li l-ircevuta kellha tkun fuq isem il-partit u mhux f'isem l-attur u irrifjuta li jaghtih l-ammont fi flus. Fix-xhieda indika li l-attur kien uza' ircevuta minghajr timbru tal-partit u ipprezenta ircevuta tas-sena 2012, izda minkejja dan xorta baqa' jafdah bizzejjed li jaghtih cekk minghjar dettalji miktubin. Il-fatt li Francis Tonna kien tah cekk fl-ammont ta' €550, liema cekk inhareg mill-kont ta' Frankit Ltd, turi li kien acceta li jhallas d-donazzjoni qabel ma nhareg ic-cekk li skond hu kienu ghal xi tlett xhur qabel. Ghalhekk l-eccezzjoni li Frankit Ltd mhijiex il-legittimu kontradittur ma tistax tinlaqa' stante li intuza' l-kont tal-kumpannija.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u jordna lil-konvenuti sabiex jhalsu lil-attur is-somma ta' hames mija u hamsin euro

(€550) lil attur bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas shih[1].

l-ispejjez jithallsu mill-konvenuti fi kwoti indaqs.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1] Ghalkemm saret referenza ghal ittra ufficjali bin-numru 396/2022 ma gewx ipprezentat ebda dokumenti.